MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2014

Numru. 174/2003

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs**

**Patrick Mangion**

**(ID 68773(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Patrick Mangion;

Akkuzat talli:

a) Matul ix-xhur ta' Mejju u Gunju 1998, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Ukoll talli fl-istess data, hin, zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Fis-seduta tat-2 ta' Frar 2004, xehed **l-Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Norbert Ciappara**[1] li qal illi fit-8 ta' Lulju 1998, waqt li kien qieghed jinvestiga mewta li kienet suspettata li sehhet permezz ta' *overdose*, huwa kien kellem lil certu Francis Degiorgio, liema Degiorgio kien fost affarijiet ohrajn, indika lil certu Patrick Mangion bhala l-persuna illi xi xahar jew ftit gimghat qabel Lulju kien abbuza mieghu mid-droga. Skond ix-xhud, Degiorgio qal illi huwa kien waqa' f'*overdose*, li Mangion kien hallih fuq il-post u li dakinhar kien Mangion li kien xtara d-droga, ghalkemm il-flus kienu harguhom flimkien. Ix-xhud qal illi huwa tkellem ma' Mangion darbtejn u pprezenta zewg stqarrijiet rilaxxjati minnu, ossia wahda rilaxxjata fid-9 ta' Lulju 1998 u ohra rilaxxjata fid-19 ta' Marzu 2003.

Fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu fid-9 ta' Lulju 1998[2], **l-imputat** qal illi bhala laqam, lilu jghidulu 't-twila' u xi kultant 'il-baqqun'. Mistoqsi fejn kien fis-6 ta'

[1] A fol. 11 *et seq* tal-process.
[2] A fol. 13 *et seq* tal-process.

Lulju 1998, ghall-habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar, l-imputat ghall-ewwel ma wegibx, izda mbaghad qal li kien San Bastjan, Hal Qormi. Qal li mhux veru mar hdejn l-iskola ta’ San Gorg, Hal Qormi u li kien mar Hal Qormi bil-karozza tieghu. Lil Brian Abela l-Pahah kien jafu ghax minn Hal Qormi, imma ma kienx jaf kemm kien ilu jafu. Innega li fis-6 ta’ Lulju 1998 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta’ wara nofsinhar kien ma’ Brian il-Pahah u li dan rikeb fil-karozza tieghu jew li kienu rawh xi nies jirkeb mieghu fil-karozza hdejn il-*confectionery* li hemm fil-pjazza ta’ San Gorg, Hal Qormi. Qal li Brian ma kienx mieghu. Mistoqsi jekk jiehux droga, jekk imurx id-*Detox*, jekk xi xahar u nofs qabel kienx mar jittaqqab tal-Handaq ma’ persuna ohra, jekk gieli marx il-Handaq u jekk xi xahar u nofs qabel kienx mar jixtri d-droga eroina ghalih u ghall-persuna ohra u marru jittaqbu l-Handaq, l-imputat ghazel li ma jwegibx, kif kellu kull dritt li jaghmel. Innega wkoll illi huwa kien mar ma’ Brian jiehu d-droga eroina gewwa kamra li kienet qeghda tinbena tal-Handaq. L-imputat ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

Fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnu fid-19 ta’ Marzu 2003[3], **l-imputat** ghazel li ma jwegibx ghal hafna mid-domandi li sarulu. L-imputat ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

Fis-seduta tat-22 ta’ Settembru 2004, xehed **Francis Degiorgio**[4], li kkonferma li f’Lulju 1998 kien gie mitkellem mill-Ispettur Ciappara dwar certu Brian li kien miet. Qal illi huwa kien abbuza mid-droga, li kien tressaq u l-kaz tieghu kien gie deciz. Qal li dakinhar li abbuza mid-droga kien wahdu u li kien anke rrilaxxja stqarrija. Meta gie mistoqsi kienx jiftakar li huwa kien semma mal-pulizija li dakinhar kien ma’ xi hadd, huwa qal li ma kien ma hadd. Mistoqsi kienx xehed fil-proceduri tieghu, wiegeb fin-negattiv u qal li kien wehel multa ta’ Lm100.

Fis-seduta tat-3 ta’ Marzu 2005, giet ipprezentata vera kopja tal-atti tal-proceduri fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Francis Degiorgio’, f’liema proceduri

[3] A fol. 16 *et seq* tal-process.
[4] A fol. 29 *et seq* tal-process.

Degiorgio, dakinhar imputat, kien ta x-xhieda tieghu u kkonferma l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja lill-pulizija nhar id-9 ta’ Lulju 1998.[5]

Fis-seduta tad-9 ta’ Mejju 2012, kompla jixhed **Francis Degiorgio**[6]. Mistoqsi dwar x’hiex kien gie mitkellem mill-pulizija, ix-xhud qal illi huwa kien qal li ma kellux x’jaqsam u wara qal li ma kienx jiftakar ezatt dwar x’hiex kien gie mitkellem. Ikkonferma li kien jiftakar dwar meta kien miet Brian Abela u li kien gie mitkellem mill-Pulizija. Qal illi kien gie mistoqsi dwar Patrick Mangion u li hu kien wiegeb biss li lil Patrick Mangion huwa kien rah jiehu *Coca* hdejn l-iskola. Huwa nnega li kien qal illi ra lil Abela ma’ Mangion u rega’ qal li huwa kien wiegeb li Mangion kien qed jiehu *Coca Cola* hdejn l-iskola. Kien jiftakar li rrilaxxja stqarrija fid-9 ta’ Lulju 1998 u mistoqsi kienx jiftakar li dakinhar qal li kien gralu xi haga mal-imputat xi zmien qabel, huwa wiegeb “*Mhux ma dan l-imputat … ma wiehed imma qas semmejt ismu. Ma semmejtux jiena. Ma min kien grali hekk*”.[7] Meta gie ssuggerit lilu illi huwa kien semma lil xi hadd ‘it-Twila’ u jekk kienx jaf min hu, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf min hu. Ikkonferma li kien semma lit-Twila, izda qal li ma jafx min hu u qal li ma kienx semma isem din il-persuna. F’dan il-punt saret referenza ghal parti mill-istqarrija li kien irrilaxxja x-xhud u mistoqsi kienx jiftakar li qal dan id-diskors, huwa wiegeb li kien jiftakar, izda meta gie mistoqsi jekk kienx jiftakar illi t-Twila li rrefera ghalih dakinhar kien Patrick, huwa qal li ma kienx hu. Qal li ma kienx jaf x’jghidulu lil Patrick u li dakinhar kien ra lil Patrick jiehu *Coca* ma’ Brian u li ma kien rah ma hadd izjed. Innega li huwa kien ra lil Brian sejjer ma’ Patrick u qal li ma kienx jaf ma’ min telaq. Qal li meta huwa qal li ra lil Brian mat-Twila jiehu *Coca,* huwa kien qed jirreferi ghal Mangion, izda ma kienx qal li Mangion kien ma’ Brian meta Brian kien *overdose.*

Ix-xhud ikkonferma li fl-istqarrija tieghu, huwa kien qal illi kien mar il-Handaq, li kien iltaqa’ fejn l-iskola ta’ San Gorg u kienu ftehmu biex imorru jixtru d-droga, izda qal illi “*mhux it-Twila l-istess wiehed hux*” u li hemm hafna twal Hal Qormi. Ikkonferma li t-Twila li ghalih kien qed jirreferi meta fl-istqarrija qal li kien ha d-

[5] A fol. 37 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 98 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 101 tal-process.

droga mieghu, mhux Patrick Mangion, izda li t-Twila li huwa ra lil Brian jiehu l-*Coca* mieghu huwa Patrick Mangion.

In kontro-ezami, ix-xhud qal illi huwa gieli kellu kawzi l-qorti dwar pussess ta' droga, izda ma kienx jiftakar meta kienet l-ewwel kawza, ghalkemm qal li kien hafna qabel din l-istqarrija li kien irrilaxxja u li kellu *depression.* Qal illi kien ilu bil-problema tad-droga xi tletin sena. Qal li ma kienx jiftakar jekk kienx mar minn jeddu gewwa d-*depot* wara li baghat ghalih l-Ispettur Ciappara jew kienx arrestat meta ghamel l-istqarrija. Qal illi fir-rigward tal-istqarrija tieghu, dwar iz-zmien li huwa kien irrefera ghalih meta semma li kien abbuza mid-droga flimkien mat-Twila, jista' jkun li kien l-Ispettur Ciappara li rrefera ghal dan iz-zmien bhala xahar jew xahar u nofs qabel l-istqarrija. Qal li dak iz-zmien kien ghaddej minn *depression*, li kien l-Isptar Monte Karmeli ghax kien ser inehhi hajtu b'idejh u kien qed jiehu kura. Fuq suggeriment tal-avukat difensur, huwa qal illi kien jaf lil xi hadd imlaqqam ic-Cina, li kien maghruf ukoll bhala t-Twila. Meta mistoqsi dwar kienx sema' b'certu Patrick ta' Mira minn Hal Qormi, qal li jista' jkun iva u jista' jkun le u qal li kien jaf li kien hemm izjed minn persuna wahda li jghidulu t-Twila.

In ri-ezami, meta gie ssuggerit lilu illi kien mar ghand il-pulizija minn jeddu, ix-xhud wiegeb li jista' jkun iva u jista' jkun le, u wiegeb l-istess meta mistoqsi kienx mar flimkien ma' certu Mark Abdilla ghand il-pulizija biex jaghmel rapport. Wara qal li jista' jkun li huwa u Mark Abdilla kienu marru ghand il-pulizija, minn jeddhom, fid-9 ta' Lulju 1999. Qal li mar biex jirrilaxxja stqarrija ghaliex kien spicca b'*overdose.* Mill-bqija x-xhud ma wegibx ghad-domandi ghaliex skond hu, ma kienx jiftakar.

Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2014, xehed **l-imputat**[8], li qal illi huwa la qatt ha droga ma' Degiorgio, lanqas qatt kellmu u lanqas m'ghamilha mieghu. Qal ukoll li ma jafux. Dwar il-Pahahh, ossia Brian Abela, huwa qal li ma kienx kellmu u nnega li kien mieghu. Qal li lil Degiorgio kien jafu ghaliex minn Hal

8 A fol. 123 *et seq* tal-process.

Qormi. Qal illi huwa ma kellu x'jaqsam xejn f'dan il-kaz. In kontro-ezami, qal illi lil Degiorgio kien jafu minn wiccu ghaliex joqoghdu San Gorg. Qal illi Degiorgio gideb dwaru u li ried jaghmillu l-hsara.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi jidher ghalhekk illi dak li ta lok ghal din il-kawza kien illi nhar id-9 ta' Lulju 1998, Francis Degiorgio kien avvicina lill-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Norbert Ciappara sabiex jaghtih informazzjoni dwar certu Brian Abela li kien suspettat li miet b'*overdose* tal-eroina. Fil-kors tal-istqarrija rilaxxjata mill-istess Degiorgio, huwa kien qal illi huwa kien ra lil Abela ma' wiehed li ghalkemm ma kienx jaf x'jismu, kien jafu bil-laqam tat-Twila u qal ukoll *inter alia* li kien hemm okkazzjoni – xi xahar jew xahar u nofs qabel din l-istqarrija – li fiha hu u dan it-Twila abbuzaw flimkien mid-droga eroina. L-imputazzjonijiet odjerni jirreferu proprju ghal din il-parti tal-istqarrija rilaxxjata minn Degiorgio.

Illi jibda biex jinghad illi quddiem din il-Qorti, l-istess Degiorgio kien riluttanti ferm fix-xhieda tieghu u l-Qorti, ghalkemm ma kellhiex l-opportunita` li tisimghu jixhed *viva voce* u tosserva l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda, mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda tieghu, tista' tghid minghajr tlaqliq ta' xejn illi dan ix-xhud hawwad kemm felah u ma kien kredibbli xejn f'din ix-xhieda. Hekk per ezempju, fl-ewwel okkazzjoni li fiha xehed quddiem din il-Qorti, huwa qal illi kien wahdu meta abbuza mid-droga (kuntrarjament ghal dak li kien qal fl-istqarrija tieghu) u li ma kienx xehed fil-proceduri li kienu eventwalment ittiehdu fil-konfront tieghu. Apparti li jirrizulta mill-inkartament ta' dawk il-proceduri, li gew esebiti fl-atti tal-kawza odjerna, illi Degiorgio kien fil-fatt xehed, fit-tieni okkazzjoni li huwa xehed fiha f'dawn il-proceduri, ma regax qal illi huwa kien abbuza wahdu mid-droga eroina, izda qal li kien abbuza mid-droga ma' xi hadd li ma kienx l-imputat. Filli jghid li ma kienx jiftakar dwar x'hiex kien tkellem mal-Pulizija u sekonda wara jghid li kien jiftakar dwar x'kien staqsih l-Ispettur Ciappara, x'kien wiegbu hu u addirittura jghid ukoll li kien jiftakar ezatt x'kien wiegeb. Jghid li huwa kien qal li ra lil Mangion jiehu *Coca*

hdejn l-iskola u li ma kienx qal li Mangion kien ma’ Abela, izda sussegwentement jghid ukoll illi huwa ra lil Abela jiehu *Coca* ma’ Mangion. U ghalkemm ix-xhud f’izjed minn okkazzjoni wahda jghid illi ma kienx jiftakar, madankollu ftakar ukoll illi huwa kien abbuza mid-droga ma’ xi hadd u li fl-istqarrija tieghu, din il-persuna ma kienx semmiha b’isimha, ghalkemm kien provda l-laqam ta’ din il-persuna. Jikkonferma li kien semma lit-Twila u jghid li ma kienx jaf min hu, izda jghid ukoll illi kien ra lil Mangion ma’ Abela u mbaghad jghid ukoll illi lil Mangion ma jafx kif isibuh. Madankollu, ftit wara kkonferma illi kien ra lil Abela jiehu *Coca* mat-Twila u li hawn kien qed jirreferi ghal Mangion. Sussegwentement, jghid ukoll dwar l-okkazzjoni li fiha huwa kien ha *overdose* ta’ eroina, illi hawnhekk ma kienx qed jirreferi ghall-istess Twila u li ma kienx qed jirreferi ghall-imputat Patrick Mangion. Imbaghad, in kontro-ezami, ix-xhud jghid li kien f’*depression* dak iz-zmien u allura donnu f’daqqa wahda rega’ ma bediex jiftakar certi dettalji. In oltre ghalkemm jinsisti li huwa kien mar ghand il-pulizija sabiex jirrilaxxja stqarrija dwar l-okkazzjoni li fiha huwa kien safa vittma ta’ *overdose*, biss jirrizulta car minn din l-istqarrija illi dan ma kienx il-kaz. Irid jinghad ukoll illi mill-istqarrija rilaxxjata minn Degiorgio, jidher car illi hawnhekk Degiorgio, ghalkemm jirreferi biss ghall-persuna mlaqqma t-Twila, kien dejjem qed jirreferi ghall-istess persuna u mhux ghal izjed minn persuna wahda, lkoll maghrufa bil-laqam ta’ ‘Twila’, kif jghid fix-xhieda tieghu.

Biss l-istqarrija rilaxxjata minn Degiorgio ma kinitx giet ikkonfermatha minnu bil-gurament tieghu ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tali stqarrija mhijiex ammissibbli bhala prova. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta’ Jannar 2001, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Victor Gauci</u>**:

“*Kif dejjem gie ritenut, in linea generali, bl-eccezzjoni ta’ xi reati partikolari, meta tigi esebita stqarrija ta’ xi xhud, bhal ma gara fil-kaz in ezami, dak li hemm f’dik l-istqarrija qatt ma ghandu valur probatorju izda jintuza biss ghall-fini tal-kontroll ta’ dak ix-xhud sabiex il-Qorti tkun tista’ tiddeciedi jekk dak ix-xhud hux kredibbli jew le f’dak li jkun qed jixhed quddiemha waqt il-proceduri u*

*fil-presenza ta' l-akkuzat. Jekk il-Qorti tasal sabiex ma temminx dak li x-xhud ikun qed jghid quddiemha, ma ghandhiex, b'daqshekk, tissostitwixxi dik ix-xhieda guramentata b'dak li x-xhud ikun qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentata. Dik l-istqarrija tintuza biss, kif intqal, sabiex tigi kkontrollata l-kredibilita` tax-xhud, sabiex il-Qorti tara jekk dak li qed jixhed hux veritier jew le."*

Hekk ukoll f'dan il-kaz, wara li rat kemm l-istqarrija rilaxxjata mix-xhud Degiorgio, kif ukoll ix-xhieda li huwa ta matul dawn il-proceduri, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi Degiorgio ma kien veritier xejn fix-xhieda tieghu. Biss kif inghad fis-sentenza hawn citata, din il-Qorti ma tistax b'daqshekk tissostitwixxi x-xhieda tieghu b'dak li huwa kien qal f'din l-istqarrija. Fix-xhieda tieghu, Degiorgio baqa' jinnega li kien l-imputat il-persuna li huwa kien abbuza maghha mid-droga eroina gewwa l-Handaq u ghalkemm din ix-xhieda m'hijiex kredibbli, il-Qorti ma tistax tasal ghal xi konkluzjoni ohra *a contrario sensu.* Veru wkoll illi Degiorgio kien anke ikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu, bil-gurament tieghu, quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, fil-mori tal-proceduri li kienu ttiehdu fil-konfront tieghu dwar pussess semplici ta' droga eroina. Biss fil-pendenzi tal-proceduri li fihom l-istess Degiorgio kien ta x-xhieda tieghu u kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu bil-gurament, huwa kien ghadu ko-imputat ossia imputat tal-istess reat li dwaru huwa kien ta x-xhieda tieghu u ghaldaqstant fis-sens kif il-gurisprudenza interpretat a *contrario sensu* l-Artikolu 636(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, id-deposizzjoni tieghu kif moghtija f'dawk il-proceduri, m'hijiex ammissibbli f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant fid-dawl tac-cahda tax-xhud Degiorgio f'dawn il-proceduri, kif ukoll tac-cahda tal-imputat fix-xhieda tieghu, u fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova ohra, il-Qorti ma tistax hlief tikkonkludi illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-imputat ma gewx sodisfacentement pruvati mill-prosekuzzjoni fil-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Konkluzjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------